**IEQAF u AĦSEB**

## Is-Sawm - Niċkien jien biex jikber Hu

Is-Sawm għandu tendenza li jkun orjentat
lejn affarijiet bħal ċaħda fl-ikel u t-televiżjoni.

Imma hemm modi differenti ta' kif nilqgħu il-fejqan ta' Kristu f'ħajjitna:

### Sum mir-Rabja u l-Mibegħda

*Agħti lill-familja tiegħek*
*doża akbar ta' imħabba u preżenza tiegħek kuljum.*

### Sum mill-Ġudizzji fuq l-Oħrajn

*Qabel ma tagħti xi ġudizzju,*
*ftakar kif Kristu ħares aktar lil-hinn min-nuqqasijiet tal-bniedem.*

### Sum mill-Qtiegħ ta' Qalb

*Ibqa' konvint mill-wegħda ta' Kristu,*
*li għandu l-iktar pjan adatt għal ħajtek.*

### Sum mit-Tgergir

*Meta tinduna li ser taqbad tgerger,*
*agħlaq għajnejk u ġib quddiem għajnejk*
*xi mumenti żgħar ta' ferħ li Alla dewqek.*

### Sum mid-Dwejjaq u l-Qrid

*Aħdem biex taħfer lil dawk li setgħu weġġgħuk.*

### Sum minn infiq żejjed ta' Flus

*Naqqas l-infiq tiegħek,*
*u dak li tiffranka investih f'karità ma' min hu fil-bżonn.*



Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IŻŻUR IL-ĦABSIN

Matul dan ix-xahar tajjeb nirriflettu ftit dwar waħda mill-istituzzjonijiet li kważi kull pajjiż għandu, u li aktar għandna ħjiel tagħha mill-films taċ-ċinema milli mill-ħajja ta' kuljum: il-Ħabs. Fil-każ tagħna l-Maltin, post fejn ħafna minna jafu bih, rawh minn barra f'Kordin, Raħal Ġdid, imma żgur li ma tantx jieħdu gost li jżuruh sew minn ġewwa, u jekk iżuruh minħabba xi familjari li jkunu hemm żgur li titnissel dieqa. Għaldaqstant, permezz tal-istedina tiegħu biex nirriflettu u ngħixu aktar l-opri tal-ħniena, il-Papa Franġisku qed joffrilna opportunità biex nagħrfu aktar xi tfisser ir-realtà ta' dan il-post.

***Il-Ħabs: Post ta' nies ħatja li aħjar jindifnu ħajjin jew Post li għandu jservi bħala Faċilità Korrettiva għal dawn in-nies?***

Ma naħsibx li huma ftit persuni li fil-ħabs jaraw il-post tal-ħtija u tal-kastig li għandu jkollhom dawk li żbaljaw, u xi drabi bil-goff sew ukoll, u li l-ħsara li ġabu immarkat il-ħajja ta' diversi nies li sfaw vittmi, sew minħabba li tilfu ħajjithom jew inkella tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom. L-istint tal-vendetta ħafna drabi jipprova jmexxina u jġibna nirraġunaw li aħjar inwarrbu lil dawn in-nies minn nofs is-soċjetà u l-vjolenza li ġabu jpattu għaliha hemm maqfulin, hemm fejn għandhom ikunu stmati bħal donnhom midfunin ħajjin. Veru li hemm responsabbiltajiet u konsegwenzi li wieħed għandu jiffaċċja f'ġieħ il-sewwa u f'ġieħ il-ġustizzja, imma ma naħsibx li bħala nsara għandna nirraġunaw *għajn b'għajn u sinna b'sinna* jiġifieri li npattu l-vjolenza bil-vjolenza, għax inkella kif kien jgħid Mahatma Gandhi: *"Għajn b'għajn jirriżulta f'dinja għamja."* Il-ħabs m'għandu qatt ikun il-post fejn min żbalja għandu jitwarrab, jintesa, jindifen ħaj. Imma pjuttost għandu jkun il-post li jservi ta' Faċilità Korrettiva, fejn wieħed jagħraf u jiffaċċja l-iżball u l-konsegwenzi tiegħu, ikollu l-għajnuna biex jinbidel u jgħix ħajtu f'dawl ġdid. Dan m'għandna ninsewh qatt, minkejja l-isfidi u tant fallimenti għall-persuni biex ma tinħakimx mill-ħażin. Anke jekk is-soċjetà tenfasizza li l-ħabs għandu jkun il-post tal-eżekuzzjoni tas-sentenza u tal-kastig, Alla jaf jużah bħala l-post fejn jirfina u jġedded. Hu ma jaqtax qalbu minn dawk li huma fil-ħabs, imma dejjem jibqa' b'qalbu miftuħa għalihom.

***Il-Ħabsin fil-qalba tal-ministeru ta' Kristu u tal-Knisja***

Meta Ġesù jmur fis-sinagoga ta' Nażaret u jqum biex jaqra, hekk kif naraw fil-Vanġelu skont San Luqa 4,17-19, hu jxandar din il-profezija ta' Isaija *"L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u* ***lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs****; biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej."* [Is.

*ikompli f'paġna 2*



61,1-2]. Alla jrid li jeħles lill-ħabsin, mhux dejjem miċ-ċella fiżika, imma żgur mill-ħabs tad-dnub, tal-injuranza, tar-ribelljoni, u tal-għażliet żbaljati. Għaldaqstant, Ġesù jidentifika lilu nnifsu bħala l-għajn tal-ħelsien, hu li ġie jfittex u jsalva lil dak li hu mitluf. Hu jurina b'mod ċar li dawn ħutna, minkejja kull dnub u kull ħsara u kruha tiegħu, għandhom dinjità li għandha tiġi salvata. U b'hekk Hu jridna li bħala nsara li niffurmaw il-Knisja tiegħu nidentifikaw ruħna magħhom, inpoġġu lilna nfusna fis-sitwazzjoni tagħhom u noffrulhom attenzjoni u għajnuna. *"Ftakru f'dawk li huma fil-ħabs, daqslikieku kontu fil-ħabs magħhom; ftakru wkoll f'dawk li qegħdin ikasbruhom, daqslikieku qegħdin ikasbru lilkom f'ġisimkom."* [Lhud 13,3]. Għaldaqstant, bħalma dan kollu hu parti importanti mill-ħidma ta' Alla, hekk ukoll dan kollu hu parti importanti mill-ħidma tal-Knisja.

***Fil-prattika għal dan ix-xahar***

Tajjeb għalhekk li matul dan ix-xahar infittxu li nħaddnu din l-opra tal-ħniena billi:

- Niftakru li ħadd mhu mwarrab minn Alla, u hekk nitolbu għalihom u għall-familji tagħhom;
- Ma nkunux aħna li nispiċċaw skjavi tal-preġudizzji u tal-malafama, u hekk naqtgħu qalbna jew nagħlquha għalihom, imma nemmnu u nagħtu tama f'ħajjitna lil dawn il-persuni li qegħdin il-ħabs, li għalkemm il-passat tagħhom jikxef żbalji mhux żgħar, il-futur tagħhom m'għandu qatt ikun iddettat b'mod assolut minn dan il-passat;
- Inħeġġu lil min qed imiss il-qiegħ biex iħares b'mod onest lejn ħajtu u jdur biex jagħmel esperjenza tal-ħniena ta' Alla, li kull persuna hija msejjħa biex tkun strument tagħha;
- Inkunu ta' sapport għall-familjari tagħhom waqt li nagħmlu ħilitna biex inżommu kuntatt magħhom, l-aħjar b'xi ittra ta' inkuraġġiment għat-tajjeb;
- Jekk ikollna l-opportunità u l-possibiltà li nżuru lil xi ħadd minnhom, ma nitilfuhiex.
- Napprezzaw il-ħiliet tajbin u l-ħidmiet li kapaċi joffrulna lura.

B'dan l-għarfien u b'dan l-impenn, li juri li *"qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfihx"*, inkunu nistgħu nagħrfu li tassew il-Mulej *"iġib il-ġustizzja fis-sewwa."* [Is. 42,3].

***Dun David Farrugia***
Kappillan Ħal Safi





# Id-Djarju tal-Parroċċa – Frar 2016

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 2 ta' Frar | **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju**<br>Jum ir-Reliġjużi u l-Membri tal-Ħajja Kkonsagrata. |
| Il-Ġimgħa 5 ta' Frar | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 7 ta' Frar | **Jum il-Ħajja** |
| L-Erbgħa 10 ta' Frar | **L-Erbgħa tal-Irmied – Jibda r-Randan**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa bit-tqegħid tal-Irmied. |
| Il-Ħamis 11 ta' Frar | L-Ewwel Dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes -<br>**Jum il-Morda** |
| Il-Ħadd 14 ta' Frar | **L-Ewwel Ħadd tar-Randan** |
| Il-Ħadd 21 ta' Frar | **It-Tieni Ħadd tar-Randan** |
| Il-Ħamis 25 ta' Frar | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 28 ta' Frar | **It-Tielet Ħadd tar-Randan** |



**Ingħaqdu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Emma Hili Caruana



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Josephine Busuttil
Margerit Callus
Paul Farrugia